**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Illum, 22 ta' Lulju 2019**

**Kumpilazzjoni Numru: 782/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Mark Scerri**
**(ID 178977(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Scerri**, ta' 41 sena, iben Joseph Scerri u Maria-Rosaria nee` Thomas, imwieled Pieta` nhar l-1 ta' April 1977 u li joqgħod "Redentur", "First Dawn Court", Triq il-Qaliet, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 178977(M);

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar l-10 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta tas-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija, minn fond numru 58, Triq San Leonardo, Żabbar, u/jew f'dawn il-gżejjer,

ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), imma mhux l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Mario Zerafa, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra bi ksur tal-artikoli 261(ċ), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fil-31 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta tas-sagħtejn nieqes kwart ta' wara nofsinhar, minn ġewwa "J&M Hardware Store", li jinsab ġewwa Triq San Tumas il-Fgura, u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeċċedi il-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), imma mhux l-elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Antonia u Joseph Cassar u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra bi ksur tal-artikoli 261(ċ), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Finalment, akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat ukoll illi waqt l-istess eżami, l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-piena.

Rat illi l-kawża ġiet rikjamata għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi għal fini ta' piena, qieset fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri.

Qieset ukoll il-fedina penali tiegħu, kif aġġornata, liema fedina penali hija waħda ferm refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar diversi reati fosthom ksur taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta (f'żewġ okkażjonijiet), ħsara involontarja u talli kkaġuna offiżi ta' natura gravi involontarjament, reati kontravvenzjonali u talli kkaġuna feriti ta' natura ħafifa, pussess tad-droga eroina (fi tliet okkażjonijiet), serq aggravat (tnax-il darba) u sempliċi (darbtejn), kif ukoll tentattiv ta' serq aggravat (f'żewġ okkażjonijiet) u ta' serq sempliċi, falsifikazzjoni u frodi b'egħmil qarrieqi u in oltre kiser diversi drabi l-provvedimenti tal-Qorti fil-konfront tiegħu. Mill-istess fedina penali, jirriżulta wkoll illi dwar dawn l-imputat ingħata pieni pekunjarji (seba' darbiet), liberazzjoni kundizzjonata (erba' darbiet), tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* (tmien darbiet), ingħata sentenzi ta' priġunerija sospiża (darbtejn) u pieni ta' priġunerija effettiva (seba' darbiet).

Qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-istess imputat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech, mil-liema jirriżulta illi minkejja li l-imputat kellu trobbija tajba u għandha l-appoġġ tal-familjari tiegħu, huwa ilu żmien twil bil-vizzju tad-droga eroina. Beda juża d-droga fiż-żgħożija tiegħu u maż-żmien il-problema bdiet tiggrava, tant ili swietu relazzjoni li minnha kellu żewġt itfal, apparti li xellef difrejh mal-ġustizzja diversi drabi sforz tal-istess vizzju. Għalkemm l-imputat ilu jattendi ġewwa d-*Detox* mis-sena 1997, u fil-passat daħal ukoll f'xi programmi, qatt ma temmhom b'suċċess. Fittex l-għajnuna ma' diversi aġenziji u minkejja wkoll li għamel xi żmien nadif mid-droga, huwa ma kienx qed jagħmel xejn tanġibbli sabiex verament jiġġieled u jegħleb il-vizzju. Fil-fatt skont l-Uffiċjal tal-*Probation* u a bażi tal-informazzjoni li huwa ġie mogħti, f'Novembru 2018, l-imputat kellu jidħol ġewwa Dar l-Impenn għax kien jinsab fi stat ħażin, iżda dan baqa' m'għamlux sat-28 ta' Jannar 2019, u sal-15 ta' Frar 2019, minn ħames appuntament li ngħatawlu mal-*key worker* fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, huwa attenda biss wieħed fl-1 ta' Frar 2019. In oltre l-imputat baqa' ma ħalliex kampjuni tal-urina sabiex jiġu ttestjati għal sustanzi lleċiti waqt li kien qed jiġi kkumpilat ir-rapport. Fiż-żmien tal-istess rapport (datat 20 ta' Marzu 2019), l-imputat kien diżokkupat u ma kienx qed jirnexxielu jżomm impjieg fiss, bil-konsegwenza li dan kien qed iwassal għal instabbilita` f'ħajtu. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Uffiċjal tal-*Probation* jgħid illi għalkemm ix-xogħol huwa importanti sabiex persuna tilħaq il-miri tagħha

u tkun indipendenti, ikun iżjed għaqli illi l-imputat jagħmel programm residenzjali sabiex jiġġieled il-vizzju tad-droga. Għaldaqstant, anke fid-dawl tan-natura tar-reati li l-imputat jinsab akkużat bihom, huwa rrakkomanda illi l-istess imputat jingħata sentenza effettiva ta' ħabs, bil-possibilita` li jagħmel programm kontra l-vizzju tad-droga, kemm il-darba huwa juri motivazzjoni li jagħmel dan. Jgħid ukoll illi l-fatt illi l-imputat kellu l-possibilita` li jibda programm, iżda ma għarafx jibbenefika mill-istess u wera reżistenza li jikkopera mal-professjonisti nvoluti, jindika illi huwa għandu bżonn struttura iżjed stretta.

Il-Qorti taqbel pjenament mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-*Probation*. Mill-fedina penali tiegħu, jirriżulta ċar illi huwa ngħata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jikseb l-għajnuna, iżda minkejja dan, baqa' għaddej fl-istess ħajja, fil-vizzju tad-droga, bir-riżultat li kkommetta reati simili għal dawk tal-każ odjern diversi drabi u għalhekk din il-Qorti tqis ukoll illi l-piena idonea m'hijiex ħlief dik ta' priġunerija effettiva. Il-Qorti tittama wkoll illi waqt li jkun qed jiskonta tali piena, l-imputat jagħraf illi l-unika triq li għandu hija li jagħmel l-almu tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 31, 49, 50, 261(ċ), 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **tnax-il xahar priġunerija effettiva**.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin dwar l-importanza li l-ħati jingħata l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga u kemm il-darba dan ikun possibbli, anke l-opportunita` li jsegwi programm kontra l-istess vizzju. Għal dan il-għan tordna komunika ta' din is-sentenza lill-istess Direttur.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat